31990D0680

31.12.1990 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 374/13

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-26 ta' Novembru 1990
## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-għamla ta' skambju ta' l-ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalità ta' Andorra

(90/680/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 99 u 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi l-arranġamenti nazzjonali bħalissa fis-seħħ fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalità ta' Andorra għandhom jiġu mibdula b'sistema Komunitarja;

Billi, minħabba l-fatturi ġeografiċi, storiċi u soċjo-ekonomiċi, għandhom jiġu konċessi arranġamenti speċjali lill-Prinċipalità ta' Andorra rigward l-eżenzjonijiet mid-dazji fuq l-importazzjoni, it-taxxi tad-dħul u l-ħruġ u d-dazji tas-sisa li japplikaw għall-oġġetti fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi;

Billi l-Ftehim fil-għamla ta' skambju ta' l-ittri nnegozjat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalità ta' Andorra kien iffirmat fil-Lussemburgu fit-28 ta' Ġunju 1990; billi għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità l-Ftehim fil-għamla ta' skambju ta' l-ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalità ta' Andorra, u l-Ftehim u d-Dikjarazzjonijiet annessi miegħu.

It-testi ta' l-Atti riferiti fl-ewwel sub-paragrafu huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 24 tal-Ftehim ([2]).

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 1990.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. DONAT CATTIN

---

([1]) Opinjoni mogħtija fit-23 ta' Novembru 1990 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Ara l-paġna 33 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.